MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 681/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Noel Mifsud Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Noel Mifsud Bonnici detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 37569(M), akkuzat talli:

1. fil-31 ta’ Lulju 2005 f’Santa Venera ghal habta tal-00.30a.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ persuna ohra (fil-perikolu car) ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Paul Zammit billi ikkagunalu sfregju gravi u permanenti f’wiccu, f’ghonqu, jew wahda mill-idejn tieghu kif iccertifikat mit-Tabib Dr Mark Gruppetta M.D;

2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ persuna ohra [fil-perikolu car] ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Keith Cremona kif iccertifikat mit-tabib Dr Karl Causon M.D;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew jghamel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;
4. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ghamel lill-haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dan il-kodici jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. fl-istess data, hin u lok imbotta lill-haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsultentah;
6. fl-istess cirkustanzi, data, hin u lok kiser volontarjament il bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddab jew qabad armi ohra kontra n-nies;
8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat li kellhu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellhu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom fisser li l-imputat seta’ jinstab hati skond u a bazi tal-artikoli tal-ligi citati u baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija jew altrimenti tal-imputat fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tieghu;

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet il-provi kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-offiza principali dedotta kontra l-imputat hi dik ta' ferita gravi konsistenti fi sfregju, ipotizzata taht l-Artikolu 214 tal-Kap 9. L-offizi l-ohra kollha inkluza dik tal-ferita hafifa huma konsegwenzjali u l-esitu taghhom jiddependi fuq l-esitu ta' din l-ewwel akkuza.

Illi l-fatti li waslu ghall-akkuzi odjerni graw fil-festa tal-parocca ta' Santa Venera fil-jum indikat fic-citazzjoni fejn f'hin minnhom l-imputat allegatament ikommetta r-reati kontrih dedotti. It-tabib li inizjalment immedika lill-midrub certu Paul Zammit fir-rigward il-ferita li dan sofra xehed illi kienet koncentrata fil-wicc u kienet tikkonsisti f'lacerazzjoni fuq in-naha tax-xellug, hames centimetri fit-tul, circa zewg centimetri l-boghod mill-widna, u fonda xi nofs centimetru. Bhala fatt l-Qorti kellha l-opportunita' li tara 'icto oculi' l-estensjoni tal-ferita u ikkonstatat ic-cikattrici li din halliet. Inghad dan pero' in-natura tal-ferita 'per se' ma tikkostitwixxi xejn altru hlief stat ta' fatt li mhux necessarjament tissarraf f'responsabbilita' kriminali f'minn jikkaguna.

Issa fil-kawza in disamina hemm kuntrast qawwi fix-xhieda tal-imputat u x-xhieda taz-zewg persuni li sofrew il-feriti stante li waqt li l-imputat jistqarr illi huwa kien il-vittma ta' aggressjoni, il-feruti isostnu illi kien l-imputat li l-ewwel agredixxa lill-Zammit u preciz wara ferixxa hafif lil Cremona meta dan ta' l-ahhar mar jiddifendi lill-Zammit.

Issa mill-kumpless tal-provi dak li huwa innegabbli hu li l-ferita sofferta minn Zammit kienet ta' natura gravi li tinkwadra fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9. Huwa ukoll car li din il-ferita giet lilu ikkagunata fl-incident li ta aditu ghal din il-kawza u li huwa verosimili l-imputat fil-hin in kwistjoni kellu f'idejh taxxa (mug) li hu kien xtara aktar kmieni supplikat mit-tifla z-zghira tieghu li flimkien ma' mart l-imputat kienet qeghdha takkompanjah.

Issa kemm it-tifla kif ukoll martu xehdu dwar l-incident u specifikatament dwar il-fatt li kien l-imputat il-vittma ta' aggressjoni, fatt li l-imputat jistqarru, kuntrarjament ghaz-zewg kwerelanti li jghidu li kien l-imputat li ipprovoka kollox meta imbotta guvni u l-kwerelant Zammit mar fuqu 'biex jiehu r-ragun'.

Issa apparti l-principju li kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti hi konvinta li l-versjoni tal-imputat hija l-aktar verosimili u tikkontjeni dak li verosimilment akkada dak il-lejl. Jigifieri li l-fatti kif minnu mistqarra jikkontjenu dak li effettivament gara u qedgha l-Qorti issostni dan anka fuq dak li setghet tinferixxi mix-xhieda tal-Ispettur li fil-kors taghha jirreferi ghal xi incident li inqala' xi hin qabel fejn ordna lil xi tifel biex jallontana ruhu u jirreferi ghall-imputat li baqa hdejh u précis wara jirreferi ghal pulizija qeghdin jigru wara z-zewg kwerelanti tant li haseb li kienet sehhet glieda estranja ghall-imputat.

Illi l-Qorti, wara li tirribadixxi li kien l-imputat li gie aggredit u mhux vice versa qeghda tirriavvisa li fic-cirkostanzi tal-kaz l-imputat uza f'kull kaz l-legittima difiza biex jiskansa aggressjoni li kienet ingusta u gravi u liema legittima difiza minghajr dubbju, fil-fehma ta' din il-Qorti, tikkonfigura bhala wahda attwali u immedjata. Izda mhux biss billi tattribwixxi l-feriti li sofrew iz-zewg kwerelanti bhala dovuti ghal 'casus'.

Ghaldaqstant, taqta' u tiddecidi illi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza kontrih dedotta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------